20 ta' Mejju 2020

**ĠABRA TA' DIRETTIVI MARBUTA MAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET TAL-FESTI TITULARI U SEKONDARJI FIS-SENA 2020**

- Dawn huma ġabra tad-direttivi li ħarġu f'Marzu u f'Mejju 2020
- Dawn id-direttivi jgħoddu għal festi kollha ċelebrati tul is-sena 2020.

**Il-Festi Liturġika**

Din hija l-festa skont kif stabbilita fil-Kalendarju tal-Knisja Universali. (Pereżempju l-festa San Ġorġ hi fit-23 ta' April.)

- Issir ċelebrazzjoni tal-quddiesa u liturġija tal-festa tal-qaddis/qaddisa.
- Il-vara tal-qaddis/a tista' tinħareġ min-niċċa u titpoġġa fil-knisja (fil-post tas-soltu).
- Il-vara ma għandhiex tinħareġ fil-bieb jew fuq iz-zuntier jew f'xi post li b'xi mod tħeġġeġ lin-nies biex tinġabar barra mill-Knisja.

**Il-Festa Trasferita**

F'ħafna parroċċi matul is-snin il-festa tal-patrun/a ġiet trasferita mill-jum liturġiku tagħha għal xi Ħadd tul ix-xhur tas-sajf. Din tinkludi wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet esterni.

- F'dawk il-ġranet li fis-snin oħra tkun iċċelebrata l-festa (tas-sajf, pereżempju San Ġorġ hi fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju), ma għandha tkun organizzata l-ebda ċelebrazzjoni mill-parroċċa, la fil-knisja u lanqas fuq barra, li għandha x'taqsam mal-qaddis/qaddisa.
- Dan jfisser li ma għandhomx jkunu ċelebrati lanqas: Novena, Tridu, Kwindiċina, eċċ u lanqas ċelebrazzjonijiet oħra, dakinhar li suppost kienet l-festa.
- Dakinhar issir il-liturġija normali tal-Ħadd ta' matul is-sena (jew skont kif jindika l-ordo għal dak il-jum).

## Festa Liturġika fix-xhur li ġejjin

F'dawk il-parroċċi fejn il-festa għadha tiġi ċelebrata biss fil-jum liturġiku tagħha, bħal pereżempju Santa Marija fil-15 ta' Awwissu, għandhom jiġu ċċelebrati skont kif hemm fid-direttivi tal-festi liturġiċi. F'dawn il-festi lanqas ma għandhom jsiru Novena, Tridu, Kwindiċina, eċċ.

## Pellegrinaġġ ta' Ringrazzjament

Meta l-Awtoritajiet tas-Saħħa jagħtu l-permess ta' attivitajiet tal-massa, u meta l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi jagħtuna d-direzzjoni, ikun jista' jsir pellegrinaġġ ta' ringrazzjament. Dan il-pellegrinaġġ se jsir minn kulħadd, anke minn dawk il-parroċċi fejn il-festa liturġika tkun diġà ġiet iċċelebrata.

- Kull vara titulari u sekondarja se toħroġ f'pellegrinaġġ ta' ringrazzjament.
- Dwar kif se jkun organizzat il-pellegrinaġġ jinħarġu direttivi aktar 'il quddiem.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**